**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**MALTA**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 ta' Novembru, 2016**

**Talba numru: 321/2016AM3**
**Lista Numru: 55**

**Noel Portelli (K.I.96265M)**

**Vs**

**Claire Yasodhara Mentha (Pass.X1879682)**
**Tipico Co. Ltd, 18th Floor,**
**Portomaso Business Tower,**
**Portomaso**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-17 ta' Awwissu, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuta fl-ammont ta' elf, tlett mija u sebgha u ghoxrin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1,327.55c) rapprezentanti bilanc dovut ghal hsarat ikkawzati mill-konvenuta fil-proprjeta` tal-attur u kera mhux imhallsa mill-konvenuta lill-attur.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, il-konvenuta ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur noe u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriiżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' elf tlett mija u sebgha u ghoxrin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1,327.55c) bl-imghax dovut mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**